MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 157/2008

**24 Contact Centres Limited – C 38733**

**Vs**

**Lisa Ganado – I.D. 449377(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma t'elfejn, disa' mija u wiehed u sebghin euro u tnax-il centezmu (€2,971.12) ekwivalenti ghal elf, mitejn u hamsa u sebghin lira maltin u hamsin centezmu (Lm1,275.50) rapprezentanti pagi li l-konvenuta rceviet minghand is-socjetà attrici matul il-*leave* ghall-maternità taghha u kif ukoll ghal nofs il-paga li l-attrici kien imissha tithallas ghal zmien tal-avviz (notice) li l-konvenuta naqset li taghti lis-socjetà attrici. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat fl-ismijiet premessi u bl-imghaxijiet

legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u kif ghandu jirrizulta mis-smiegh in parte eccessiva. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà attrici hija wkoll debitrici versu l-konvenuta u dan kif ghandu jirrizulta waqt is-smiegh u l-ammonti dovuti lill-konvenuta ghandhom jigu pacuti mall-ammont li jista' jkun dovut minnha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Steve Mizzi, Alexander Fenech, Lisa Ganado u Francois Ganado.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr John Gauci ghall-atturi u Dr Roberta Lepre ghall-konvenuta.

**Ikkonsidra**

Illi l-konvenuta bdiet tahdem mas-socjetà attrici f'Lulju 2006 u waqt li kienet ghadha taht *probation* infurmat lis-socjetà attrici li kienet tqila. Hi baqghet impjegata maghhom.

Sussegwentement, permezz t'ittra tat-2 ta' Marzu, 2007 hija talbet li tinghata *maternity leave* bejn it-8 ta' Mejju, 2007 sat-13 t'Awwissu, 2007 liema talba giet accettata.

In oltre talbet ukoll li tiehu xhar u nofs *unpaid leave* u dan gie accettat ukoll.

Wara l-*maternity leave* u l-*unpaid leave* hija suppost imbaghad regghet marret tahdem mas-socjetà attrici izda gara illi kien cempilha Alexander Fenech u milli jidher dakinhar il-konvenuta talbet li tkun tista' tahdem biss f'certu hinijiet li jkunu adatti ghaliha minhabba li issa kellha tarbija u Alexander Fenech donnu kien inklinat li jaccetta

izda l-ghada jew ftit granet wara cempilha Steve Mizzi u nformha illi huma ma setghux jilqghu talba daqshekk elastika u kellha tahdem skond l-ezigenzi tax-xoghol tal-kumpanija izda l-konvenuta ma accettatx u ghalhekk qabdet u minghajr ma nformathom xejn ma marritx ghax-xoghol.

Minflok hija marret tahdem mal-HSBC fejn ghadha tahdem sal-lum.

Is-socjetà attrici qieghda ssostni illi kieku l-konvenuta ma hadmitx purament minhabba l-problema tat-tarbija huma ma kinux sejrin ifittxu izda galadarba li l-konvenuta mbaghad marret tahdem mal-HSBC huma dehrilhom illi la hija kienet kapaci tahdem, setghet facilment tkompli fl-impjieg mas-socjetà attrici.

Is-socjetà attrici qed isostni illi l-konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi taghha billi m’ottemperatx ruhha ma’ dak li hemm miktub fl-Artikolu 36 tal-Kap. 452 fis-sens illi wara li ntemm il-*maternity leave* hija kellha tirriprendi l-impjieg taghha u tkompli f’tali mpjieg ghall-perjodu minimu ta’ sitt xhur.  Jekk hija tonqos milli taghmel hekk hija trid thallas lill-employer:

“*a sum equivalent to the wages she received during the maternity leave”*.

F’dan il-kaz is-socjetà attrici qieghda titlob kemm dawn il-pagi kif ukoll nofs il-paga li l-attrici kien imissha tithallas ghal zmien tan-*notice*.

Hija kienet impjegata ghal ftit aktar minn sena u ghalhekk kellha tati gimghatejn *notice* (Artikolu 36(5)(b) tal-Kap. 452).

Il-konvenuta ssostni illi hija kellha kull raguni biex ma tkomplix tahdem mas-socjetà attrici billi qed tallega illi s-socjetà attrici rrifjutat li tkun flessibli fis-sieghat li fihom hija kellha tahdem.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi f'kazijiet simili huwa ghall-impjegat li jgib prova sufficjenti li tiskuzah milli jkompli f'tali impjieg izda f'dan il-kaz partikolari it-Tribunal mhuwiex sodisfatt li l-konvenuta rnexxiela ggib din il-prova. It-Tribunal mhuwiex konvint illi l-veru raguni ghaliex il-konvenuta ma komplitx tahdem mas-socjetà attrici kienet in-nuqqas ta' flessibilita ta' sieghat. Il-fatt li l-konvenuta bdiet tahdem imbaghad mal-HSBC fejn ghadha tahdem sal-lum juri illi x-xoghol bhala xoghol ma kienx idejjaqha u l-problema aktarx kienet illi hija ma riditx tkompli tahdem ma' Steve Mizzi. Facilment din il-problema setghet tigi solvuta b'daqsxejn diskors rikonciljatorju min-naha taghha, izda minflok m'ghamlet hekk u minflok ma pprovat issib soluzzjoni li tkun accettabli kemm ghaliha u kif ukoll ghas-socjetà attrici, hija qabdet u ddecidiet biex ma tkomplix fl-impjieg mas-socjetà attrici.

Huwa ta' piz ghall-*employer* li jrid johrog paga ta' tliet xhur lill-impjegata li tohrog fuq *maternity leave* minghajr ma jkollu l-beneficcju tal-hidma tal-impjegata – piz partikolarment oneruz ghall-intraprizi zghar. Huwa ghalhekk mistenni li l-impjegata da parti taghha taghmel l-almu taghha li wara li jintemm il-*leave*, li tirritorna ghax-xoghol regolari u jekk hemm problema tiddiskutiha sew mal-*employer* biex tinstab soluzzjoni. F'dan il-kaz it-Tribunal mhux sodisfatt li l-konvenuta verament ghamlet dan l-isforz.

Is-socjetà attrici kienet kuntenta bix-xoghol li kienet taghmel il-konvenuta tant li kienet disposta li tatiha unpaid leave anke ghal perjodu ikbar u ghalhekk ma tantx jsibha kredibbli li l-konvenuta verament ma marritx lura ghax-xoghol minhabba n-nuqqas ta' flessibilita fis-sieghat.

Galadarba gara hekk u galadarba l-iskuzanti li ressqet quddiem dan it-Tribunal ma jistax jigi meqjus bhala wiehed gust u sufficjenti, dan ifisser illi t-talba attrici sabiex il-konvenuta tirrifondi l-hlas li rceviet matul il-*maternity leave* u kif ukoll somma ohra ekwivalenti ghall-gimgha paga hija gustifikata.

Ghar-rigward tal-*quantum* però hemm kontestazzjoni fis-sens illi qed jinghad illi l-ammont mitlub huwa eccessiv. It-Tribunal ha l-okkazzjoni biex ra l-*payslips* esebiti a fol 22 et sec tal-process u dan juru illi mill-1 ta' Mejju, 2007 'il quddiem irceviet is-segwenti hlasijiet:

| | Gross Pay | Net Pay |
|---|---|---|
| 1 ta' Mejju sa 31 ta' Mejju | €946.31(Lm406.25) | €844.19(Lm362.41) |
| 1 ta' Gunju sa 30 ta' Gunju | €1,081.41(Lm464.25) | €958.33(Lm411.41) |
| 1 ta' Lulju sa 31 ta' Lulju | €907.83(Lm389.73) | €796.48(Lm341.93) |
| 1 t'Awwissu sa 31 t'Awwissu | €733.92(Lm315.07) | €662.08(Lm284.23) |
| Total | €3,669.47(Lm1,575.30) | €3,261.08(Lm1,399.98) |

Minn dawn l-ammonti wiehed irid inaqqas l-ewwel sebghat' ijiem ta' Mejju izda mill-banda l-ohra wiehed irid izid sebghat' ijiem tan-*notice*, allura s-somma bejn wiehed u iehor tibqa' l-istess.

L-ammont net fuq imsemmi jissupera l-ammont mitlub f'din l-kawza u l-ammont mitlub huwa gustifikat.

In oltre, l-konvenuta qieghda ssostni li hija kienet intitolata ghall-*commission* ghal-fatt illi kumpanija li jisimha PC Call-Out trasferit il-*business* taghha mas-socjetà attrici.

Huwa minnu li biex topera t-tpacija l-ammont jrid jkun likwidat u mhux kontestat. Fil-kaz odjern l-ammont ta' commission la huwa likwidat u wisq inqas huwa ammess izda fuq bazi t'ekwita t-Tribunal xorta jhoss li ghandu jidhol fil-materja u ghalhekk ser jilqa' l-invit biex isib soluzzjoni halli b'hekk jkun hemm soluzzjoni ghall-pendenzi bejn il-partijiet.

Il-partijiet taw versjonijiet konfligenti dwar dan izda f'dan ir-rigward it-Tribunal huwa aktar dispost li jemmen it-tezi tal-konvenuta fis-sens illi fil-kors tax-xoghol taghha hija kienet semghet li PC Call-Out ma kinux kuntenti bis-servizz li kien qed jinghatalhom minn kompetitur tas-socjetà attrici u fil-fatt kienet kelmet lis-superjur taghha u s-superjur taghha kellu jiehu hsieb. Is-superjur taghha anke t'indikazzjoni li ta' dan il-fatt l-konvenuta ser tigi ben kompensata. Sussegwentement dan it-direttur telaq ghalhekk hija kelmet lil Alexander Fenech dwar dan u fi kliem il-konvenuta, Alexander Fenech filwaqt li rringrazzja informa illi *“we will make it worth your while”*.

Illi effettivament il-konvenuta ma rceviet assolutament xejn minghand is- socjetà attrici izda t-Tribunal ihoss illi ghandu jkun hemm xi forma ta' kumpens li ghandu jitnaqqas mill-ammont li l-konvenuta ghandha tirrifondi lis-socjetà attrici. Fil-process ma tantx hemm informazzjoni dwar kif jista' jigi kkalkolat dan il-*commission*, izda tenut kont tad-dokumenti kollha esebiti t-Tribunal qieghed jikkalkola *arbitrio et bono viri* dan il-*commission* ghal sitt mija u wiehed u erbghin euro u erbgha u sebghin centezmu (€641.74) - (Lm275.50c) biex din is-somma titnaqqas mis-somma mitluba t'elfejn, disa' mija u wiehed u sebghin euro u tnax-il centezmu (€2,971.12) - (Lm1,275.50) biex b'hekk jigi bilanc t'elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u tmienja u tletin centezmu (€2,329.38) - (Lm1,000.00).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' t-talba attrici fuq ammont ridott ghar-ragunijiet fuq imsemmija, qieghed jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjetà attrici s-somma t'elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u tmienja u tletin centezmu (€2,329.38) - (Lm1,000.00) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------